# Il-kronoloġija tal-kampanja

JOSEPH P. BORG

Din hija kronoloġija magħżula bi wħud mid-dati importanti tal-kampanja 'l-ilsien Malti għal qalbi.' Minbarra l-attivitajiet imniżżla hawn taħt, saru wkoll 'il fuq minn 40 laqgħa bejn il-kumitat organizzattiv mat-tim tal-komunikazzjoni tal-Uffiċċju tal-President ta' Malta, u mal-għaqdiet tal-Malti. Ixxandru wkoll diversi intervisti u artikli fuq it-televiżjoni, ir-radju, il-gazzetti stampati, u l-mezzi soċjali.

| DATA | ATTIVITÀ |
|---|---|
| **4 April 2019** | Dr George Vella jinħatar President ta' Malta u fid-diskors inawgurali tiegħu jgħid:<br><br>*"Irridu ndaħħlu mill-ġdid rispett ġenwin lejn dawk li huma s-simboli tan-nazzjon tagħna. Rispett lejn il-bandiera Maltija u dak li tirrappreżenta. Rispett lejn l-innu nazzjonali tagħna. Rispett lejn l-ilsien nazzjonali tagħna. Rispett lejn l-istorja u l-kultura tagħna. Rispett lejn l-istrutturi kostituzzjonali tagħna u l-liġijiet tagħna. Fuq kollox rispett lejn il-liġi suprema ta' pajjiżna ... il-Kostituzzjoni."* |
| **30 April** | Delegazzjoni mill-Akkademja tal-Malti tagħmel laqgħa ta' korteżija mal-President. |
| **20 Ġunju** | Memorandum lill-President b'rabta ma' proġetti b'risq il-Malti. |
| **21 Frar 2020** | Konferenza stampa fil-Palazz ta' Sant'Anton f'Jum il-Lingwa Materna (UNESCO). |

| | |
|---|---|
| **11 Marzu** | Il-proġett jiġi pospost minħabba l-pandemija; matul il-pandemija tibda tixxandar is-sensiela ta' 13-il programm *Mill-Palazz* li tinkludi siltiet ta' qari mil-letteratura Maltija, inizjattiva tal-President bis-sehem tal-għaqdiet tal-Malti. |
| **1 Novembru 2021** | Jerġgħu jibdew il-laqgħat bil-ħsieb li l-kampanja titkompla. |
| **20 Ġunju 2022** | Il-President iniedi l-ewwel parti tal-kampanja 'l-ilsien Malti għal qalbi' b'konferenza stampa mill-Palazz ta' Sant'Anton.<br>Jibda jixxandar materjal marbut mal-ewwel tema tal-kampanja: il-Malti u l-inklużività. |
| **Jannar 2023** | Jibda jixxandar materjal marbut mat-tieni tema tal-kampanja: il-Malti fuq il-post tax-xogħol. |
| **27 Marzu** | Il-President iniedi t-tieni parti tal-kampanja b'konferenza stampa fl-Iskola Medja tal-Kulleġġ San Injazju, Tal-Ħandaq.<br>Jitnieda ktejjeb informattiv għall-istudenti u titħabbar id-data tal-konferenza 'l-ilsien Malti għal qalbi: l-użu ta' lsienna fostna.' |
| **April** | Jibda jixxandar materjal marbut mat-tielet tema tal-kampanja: il-Malti simbolu ta' identità. |
| **26 April** | Il-konferenza 'l-ilsien Malti għal qalbi: l-użu ta' lsienna fostna' fil-Palazz Verdala, il-Buskett. Matulha saru preżentazzjonijiet minn esperti tal-lingwa u sessjonijiet prattiċi għall-impjegati taċ-ċivil b'karigi maniġerjali u amministrattivi. |
| **26 Lulju** | Laqgħa fil-Palazz ta' Sant'Anton bejn il-kumitat organizzattiv u l-President li matulha ngħata rendikont tal-konferenza ta' April. |
| **Jannar 2024** | Jibda jixxandar materjal marbut mar-raba' tema tal-kampanja: il-letteratura Maltija. |
| **25 Marzu** | Il-pubblikazzjoni ta' din il-ġabra u l-preżentazzjoni tagħha lill-President. |

Segwi l-filmati kollha li nħadmu bħala parti mill-kampanja *l-ilsien Malti għal qalbi* minn hawnhekk